**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 90/2018 RM**

**Strand Palace Agencies Limited**

**Vs**

**M&V Food and Beverages Imports Limited**
**u**
**Joseph Micallef**

**Illum, 7 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' April 2018 fejn talbet illi l-konvenuti jigu kkundannati solidalment u indivizament bejniethom sabiex ihallsuha s-somma ta' disat elef mitejn u hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€9,225.21) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` M&V Food and Beverages Imports Limited, ghall-hlas ta' liema l-konvenut l-iehor Joseph Micallef jinsab personalment responsabbli in solidum

mal-konvenuta M&V Food and Beverages Imports Limited ai termini ta' skrittura privata datata 2 ta' Ottubru 2015.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Ottubru 2017, tal-ittra ufficjali numru 2861/2017 mahruga skont l-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u dawk tal-mandat ta' qbid numru 769/18 ipprezentat kontestwalment u bl-imghax legali b'effett mit-2 ta' Settembru 2016 id-data tal-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat filwaqt illi l-konvenut Joseph Micallef gie notifikat fl-10 ta' Mejju 2018[1], fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2018 deher Dr. Mario Mifsud li ta ruhu b'notifikat ghall-konvenuti;

Rat illi l-konvenuti baqghu ma kkontestawx il-kawza formalment u ma pprezentaw ebda risposta;

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2019, is-sorte mitlub mis-socjeta` attrici gie ridott ghas-somma bilancjali ta' tmint elef seba' mija u hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u ghoxrin centemzu (€8,725.21) permezz ta' nota pprezentata waqt l-istess udjenza[2];

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 l-avukat difensur tas-socjeta` attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

[1] Fol. 6 *tergo.*
[2] Fol. 12.

Rat ukoll illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019, il-konvenuti wara li gew imsejhin diversi drabi, naqsu milli jidhru biex iwiegbu ghall-kapitolu ghas-subizzjoni taghhom;

Rat illi waqt l-istess seduta tas-7 ta' Frar 2019, l-avukat tas-socjeta` attrici ddikjara li ma ghandux iktar provi x'iressaq;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2019 il-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019, il-konvenuti wara li gew msejhin diversi drabi, naqsu li jidhru ghas-subizzjoni u ghalhekk il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenuti.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[3], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[4] li din il-prova

[3] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[4] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.

wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[5], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern, is-subizzjoni tal-konvenuti hija l-unika prova li tressqet mill-kumpannija attrici in sostenn tal-pretensjoni taghha, u ma ngiebet ebda prova ohra ghajr ghall-prezunta konfessjoni naxxenti mill-kontumacja tal-konvenuti msejhin ghas-subizzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija ghall-hlas tas-somma ta' €9,225.21 rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta M&V Food and Beverages Imports Limited, ghal liema hlas is-socjeta` attrici tghid illi l-konvenut Joseph Micallef huwa personalment responsabbli in solidum mas-socjeta` konvenuta ai termini ta' skrittura privata datata 2 ta' Ottubru 2015. Il-Qorti tosserva illi din l-iskrittura

[5] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

privata ma gietx esebita fl-atti, izda jirrizulta illi s-somma mitluba giet sussegwentement ridotta ghal dik ta' €8,725.21 stante pagament akkont li sar fil-mori tal-kawza.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz il-kapitolu pprovoka il-konfessjoni tal-konvenuti u billi din il-konfessjoni m'hijiex kontradetta minn ebda prova ohra fl-atti processwali, tqis li hija prova sufficjenti tal-fatt illi l-istess konvenuti huma debituri solidali tas-socjeta` attrici fis-somma kif ridotta, u ghar-raguni indikata fir-Rikors promotur. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib illi t-talba tal-attrici ghall-hlas tas-somma kif ridotta, giet debitament ippruvata bis-subizzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

In kwantu ghall-imghax, billi jirrizulta illi l-obbligu ghall-hlas huwa wiehed ta' natura kummercjali, il-Qorti tqis illi a tenur tal-Artikolu 1141(1), it-talba tas-socjeta` attrici illi l-imghax jibda jiddekorri mill-ahhar *invoice*, hija gustifikata.

Dwar il-kap tal-ispejjez, billi ma gietx esebita l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Ottubru 2017, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-talba ghall-hlas tal-ispejjez relattivament ghal din l-ittra, izda sejra tilqa' l-kumpalment tat-talba ghall-hlas tal-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2861/2017 kif ukoll tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 769/18 ipprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuti M&V FOOD AND BEVERAGES IMPORTS LIMITED u**

**JOSEPH MICALLEF solidalment u indivizament bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta' tmint elef seba' mija u hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8,725.21) lill-istess socjeta` attrici, rapprezentanti ammont bilancjali dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub fl-istess Rikors u bl-ispejjez tal-kawza kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali bin-numru 2861/2017 u tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 769/18.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**